**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-17 ta' Settembru 2019 – mk advokaten GbR vs MBK Rechtsanwälte GbR**

**(Kawża C-684/19)**

(2019/C 413/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* mk advokaten GbR

*Konvenuta:* MBK Rechtsanwälte GbR

**Domanda preliminari**

Terz li jkun sar riferiment għalih fuq sit tal-internet f'entrata li tinkludi sinjal identiku għal trade mark ikun qiegħed jagħmel użu mill-imsemmija trade mark fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks ([1]) jekk ma kienx hu li għamel din l-entrata iżda l-operatur tas-sit li ħadha minn entrata oħra li t-terz kien ippubblika bi ksur tad-dritt tat-trade mark?

([1]) ĠU 2008, L 299, p. 25.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-704/19)**

(2019/C 413/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi ma adottax fit-termini stabbiliti l-miżuri kollha neċessarji sabiex jirkupra mingħand il-benefiċċjarju prinċipali, Telecom Castilla-La Mancha S.A, l-għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1385 tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.27408 (C 24/10 (ex NN 37/10, ex CP 19/09) implimentata mill-awtoritajiet ta' Castilla-La Mancha għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati ta' Castilla-La Mancha ([1]) (ĠU 2016 L 222, p. 52), billi ma wriex li kien annulla l-pagamenti pendenti kollha tal-imsemmija għajnuna u billi ma kkomunikax lill-Kummissjoni, fit-termini stabbiliti, il-miżuri aottati sabiex jikkonforma ruħu ma' din id-deċiżjoni, ir-Renju ta' Spanja naqas mill-obbligi tiegħu skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikoli 3 u 4 tad-deċiżjoni; u